## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Frar 200

Citazzjoni numru 2607/98 AJM

Kawza numru

Martin Carter, Paul Carter u Mary Carter f'isimhomproprju u bhala legittimi rappresentanti ta' binhom minuri Julian Carter
Vs
Deborah Fenech de Fremaux

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha l-atturi wara ppremmetew illi permezz ta'skrittura privata datat 21 ta' Settembru 1997, il-konvenuta obbligat ruhha li tiftah kont bankarju fis-somma ta' tmien telef lira (LM8,000) f'isem l-attur Martin Carter, biex jigi amministrat minnu u bil-ghan li tintuza biex tkopri tmien snin ta' edukazzjoni ta' Julian Carter, f'St. Edward's College, sa tmiem il-fifth form, (Dok A); illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuta giet accettata mill-atturi u Julian Carter gie trasferit mill-iskola primarja tal-Gvern tal-Fgura, ghal St. Edward's College f'Settembru 1997, u konsegwentement diga gew inkorsi spejjes li kellhom jithallsu mill-istess

konvenuta; illi minkejja li l-konvenuta kienet obbliga ruhha li tiddeposita s-somma ta’ tmint elef lira f’kont bankarju f’isem Martin Carter immedjatament, sal lum ghadha ma ghamlet xejn; talbu li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi jew min minnhom, is-somma ta’ tmint elef lira maltin biex jigu depositati f’kont bankarju f’isem u amministrat mill-attur Martin Carter, biex bihom tithallas l-edukazzjoni ta’ Julian Carter f’St. Edwards College kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 3373/98 u tal-mandat ta’ sekwestru ppresentat kontestwalment, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjon.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuta presentata fil-21 ta’ Gunju 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-iskrittura in kwistjoni ma hijiex valida skond il-ligi peress li l-konvenuta ma kienetx fil-pussess tar-rekwiziti kollha mill-ligi biex tidhol ghall-obbligazzjonijiet a tenur ta’ l-artikolu 966 tal-Kap 16.
2. Illi l-konvenuta ma assumiet ebda obbligazzjonijiet fil-21 ta’ Settembru 1997 fil-konfront ta’ l-atturi odjerni.
3. Illi fi kwalunkwe kaz Julian Carter gie trasferit zmien qabel ma giet iffirmata xi skrittura mill-konvenuta.
4. Illi l-konvenuta ghaddiet lill-atturi s-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin LM1,500).

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuta.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' Lulju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Novembru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum in difett ta' ostakolu, li ma giex sollevat.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'dikjarazzjoni tal-konvenuta datat l-21 ta' Settembru 1997 u iffirmat quddiem in-Nutar Patrick Critien fit-30 ta' Lulju 1998 jinghad is-segwenti:

*"In forza tal-presenti skrittura privata jien l-hawn taht iffirmata Deborah Fenech De Fremaux, li noqghod Flat numru 1, Eman Mansions, Norfolk Street, Sliema, (186876M) niddikjara u nghid dan li gej:*

*"Illi meta jien kont fil-bzonn ta' ghinuna fizika u morali, jiena sibt is-support u l-ghinuna li kelli bzonn minghand il-habib tieghi Martin Carter u l-familja tieghu, u dejjem urejthom ix-xewqa li b'xi mod nuri l-gratitudini tieghi ghall-istess ghinuna li minghajra jiena certa li ma kontx nerga nigi ghal dak li jien illum.*

*"Ghaldaqstant, bhala turija ta' rikonoxximent ta' dan, jiena qeghda peremezz ta' din l-iskrittura nobbliga ruhhi li nkun sponsor finanzjarja ta' l-edukazzjoni skolastika ta' hu Martin Carter, li b'hekk ghandu jigi trasferit immedjatament mill-Iskola Primarja tal-Fgura ghal Saint Edward's College, Cottonera. Ghal dan il-ghan jien nobbliga ruhhi li*

*niftah fond ghal dan il-ghan f'isem Martin Carter, liema fond tkun amministrata minnu stess, u specifikatament li jinfetah kont bankarju fis-somma ta' tmien telef lira maltin (LM8,000) li ghandha tkopri tmien snin ta' edukazzjoni f'Saint Edward's College bazata fuq medja ta' elf lira (LM1,000) kull sena skolastika sa' tmiem il-fifth form.*
*Insostni li qeghda niehu dan il-pass u nwaqqaf dan il-fond totalment minn jeddi u minghajr ma' gejt obbligata u mgieghla minn ebda persuna.*
*"Nobbliga ruhhu ghalhekk li immedjatament niddeposita s-somma globali ta' LM8,000 f'kont bankarju f'isem Martin Carter ghall-iskop fuq spjegat."*

L-attur Martin Carter fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2000 spjega ic-cirkostanzi li waslu ghall-obbligazzjoni assunta mill-konvenuta u basikament li huwa, kif ukoll membri tal-familja tieghu kienu jiehdu hsieb l-istess konvenuta sabiex teghleb id-diversi problemi li din kellha f'hajjitha. Bhala rizultat u in rikonoxximent ta' dak li kien sar maghha l-istess konvenuta kienet offriet li b'xi mod tikkumpensa lill-atturi u fl-ahhar sar ftehim li dan il-kumpens jiehu ix-xejra ta' "*fond*" konsistenti f'depositu bankarju biex jghin fl-edukazzjoni ta' hu u iben l-atturi.

Effettivament id-dikjarazzjoni Dok A giet preparata minn Nutar Patrick Critien fil-presenza tal-konvenuta u l-attur Martin Carter fid-data li iggieb fil-arti ta' fuq. Izda, kif spjegaw sew l-istess Martin Carter u n-Nutar Critien, din l-iskrittura, ghal xi raguni nota lill-istess konvenuta, ma gietx iffirmata dak inhar izda xi xhur wara kif jidher mid-data imnizla mill-istess Nutar.

Illi basikament l-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni jammonta ghall-obligazzjoni tal-istess konvenuta biex tiftah kont bankarju bis-somma ta' LM8,000 f'isem Martin Carter li kellu jamministra l-istess kont li kellu l-iskop ewlieni li jissussidja l-edukazzjoni ta' hu Martin

Carter cioe Julian Carter fl-iskola ta' Saint Edward's fejn l-istess konvenuta talbet li jintbghat.
Ma hemmx dubbju, billi anke ex admissis jidher li l-konvenuta taccetta dan il-fatt, li illum Julian Carter qieghed jattendi l-iskola indikata. Ghalhekk l-obbligazzjoni assunta mill-genituri tieghu, se bene, verbalment, giet sodisfatta. Jibqa' ghalhekk li l-konvenuta tonora l-parti taghha ta' istess obbligazzjoni u cioe li taghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-edukazzjoni tieghu fl-imsemmija skola u senjatament li tiddeposita f'kont bankarju f'isem l-attur Martin Carter is-somma ta'LM8,000.

Il-konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet fid-difiza taghha izda ghandu jigi rilevat li din ripetutament naqset li taddendi s-seduti tal-Qorti u naqset ukoll li tressaq il-provi taghha meta l-kawza giet imhollija ripetutament ghal dan l-iskop. Sahansitra din il-Qorti fid-differiment tas-27 ta' Novembru 2000 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum, rriservat id-dritt lill-istess konvenuta li titlob l-fakolta' li tressaq l-provi taghha izda ghal darb ohra l-konvenuta naqset li turi interess f'dawn il-proceduri.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuta u fir-rigward ta' dak li jinghad fit-tieni eccezzjoni taghha u cioe li hi ma assumiet ebda obbligazzjonijiet fil-21 ta' Settembru 1997, din il-Qorti hija sodisfatta bil-provi prodotti mill-atturi billi jirrizulta li ghalkemm d-dikjarazzjoni giet iffirmata f'Lulju tas-sena sussegwenti, l-obbligazzjoni giet assunta mill-konvenuta f'Settembru 1997. Fil-kaz in ezami obbligazzjoni simili torbot anke jekk tinghata verbalment.

Ghar-ragunijijet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta billi dawn ma jirrizultawx jew infondati, tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' tmien telef lira maltin (LM8,000) bl-imghax legali mill-21 ta' Settembru 1997, li ghandhom jigu depositati f'kont bankarju bl-assitenza tad-difensur taghhom sabiex dawn jigu adoperati ghall-edukazzjoni tal-istess Julian Carter u cioe biex tithallas l-mezata tal-iskola Saint Edward's ta'l-istess minorenni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri